QALA

Ref Nru: 41

Il-minuti tal-wiehed erbghin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 14 ta' April 2011, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg. |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri. |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg.<br>Victor Grech.<br>Jesmond Borg. |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti ta' l-erbghin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti ta' l-erbghin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Ghazla ta' l-offerti ghal kostruzzjoni ta' hitan tas-sajjieh u xoghol ta' preparazzjoni tas-sit relatat fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala.**

3.2 Is-Sindku semma li gie kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill Dr Joseph Grech kif ukoll l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri dwar il-problemi li jista` jkun hemm jekk il-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Pius Attard li joqghod Plot 10 'Attard House, Triq George Mac Adam, Xaghra. Huma semmew li jista` jkun hemm riskju li l-Kumpanija Road Construction Co. Ltd jsibu oggezzjoni. Il-Kunsill iddecida li tigi maghzula l-offerta ta' Pius Attard u jekk isir oggezzjoni minghand ir-Road Construction Co. Ltd., imbaghad il-Kunsill jara x'jista jsir.

QALA

## 4 *Picnic area* parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. – Inawgurazzjoni u isem.

4.1 Is-Sindku semma li bhalissa qed jigu installati il-*Photovoltaic Panels* fil-*picnic area* li huwa parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Huwa semma li s-*security camera's* u l-*alarm* gew installati. Bhalissa qed jigu ppreparati *information panels* dwar is-sigar li hemm mhawwla fil-gnien. Gew trattati zewg stimi mid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi wahda dwar installazzjoni ta' zewg *iroko gazebo's* u l-ohra dwar manutenzjoni fuq il-*gazebo's* li hemm fi 'Gnien il-Familja'. Is-Sindku semma wkoll li l-*bridge* li kien hemm fi 'Gnien il-Familja' li kien wieqaf hafna gie mibdul mill-haddiema ta' dan id-Dipartiment. Huwa semma wkoll li l-Kunsill ser jinghata xi *spectators seats* b'xejn mill-*Malta Football Association* u li dawn ser jigu installati fis-*semi arena* li tinsab fi Gnien il-Familja. Is-Sindku semma li giet mitluba stima minghand is-*Sunrise Pet and Garden Centre* dwar tindif u thawwil ta' xi pjanti f'dik il-parti ta' l-*area* fi 'Gnien il-Familja' fejn jikber hafna haxix hazin. Il-Kunsill iddiskuta li minflok ward u pjanti ahjar li jsir xi haga ohra peress li fit-temp shun kollox jinxef. Is-Sindku semma li hemm il-hsieb li dan il-progett jigi inawgurat nhar l-10 ta' Gunju 2011 u li ghaliha ser jigi mistiedna l-Prim Ministru u l-Membri Parlamentari Ghawdxin. Is-Sindku ppropona li dan il-gnien ghandu jinghata l-isem 'Gnien il-Hajja' b'tifkira tal-Kunsillier Anton Camilleri. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 5 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjoni 313 approvatha; €197,638.90

5.1 Is-Sindku semma li l-applikazzjoni 313 *European Agriculture Funds for Rural Development* li kienet giet sottomessa mill-Kunsill, giet approvatha u li ser jinghata €197,638.90. Gie iffirmat il-kuntratt dwar dan. Gie trattat dan il-kuntratt. Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha ghall-offerti ghal servizz ta' *Projects Manager* sabiex jiehu hsieb dan il-progett. Gew trattati zewg *Project Progress Reports* wiehed ghal perjodu Ottubru sa Dicembru 2010 u l-iehor ghal perjodu minn Jannar sa Marzu 2011. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar l-approvazzjoni ta' din l-applikazzjoni.

## 6 Tkomplija tax-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.

6.1 Is-Sindku semma li x-xoghol t' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin mixi b'ritmu tajjeb hafna. Huwa semma li issa ser isiru is-soqfa tal-kmamar li hemm f'din il-Fortizza. Giet trattata korrispondenza li saret bejn Kenneth Cauchi ghad-Direttur ta' l-Ippjanar fil-MEPA u l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri, datata 12 t'April 2011.

## 7 Vakanza ta' skrivan (skala 15).

7.1 Is-Sindku semma li Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig regghu bghatu xi listi ta' kandidati tal-*part 1, 2 u 3 rematch* u li saru xi intervista izda rrizulta li ma kien hemm ebda

kandidat adattat ghal vakanza ta’ skrivan (skala 15) u ghalhekk ma ntghazel hadd. Issa l-Kunsill wasal fis-stadju sabiex johrog sejha ghal din il-vakanza fuq il-gazzetti lokali kollha. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Korporazzjoni fejn gew informati li l-Kunsill wasal fi stadju sabiex jimpjega skrivan/a u ghalhekk mhux ser jibqa jkollu bzonn tas-servizz permezz ta’ l-iskema fil-Komunita`.

**8 Sala tal-Kommunita` fic-Centru Civiku Qala.**

8.1 Is-Sindku semma li x-xoghol fuq is-Sala tal-Kommunita` fic-Centru Civiku Qala, nghata bidu ghalih. Huwa semma wkoll li peress li l-Kunsill ser jinghata xi fondi mill-iskema ta’ l-Eko Ghawdex ghal progett ta’ Muzew Folkloristiku, saret talba lis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said sabiex il-fondi li nghataw mis-Segretarjat tieghu lil Kunsill ghal progett ta’ Muzew Folkloristiku jigu trasferiti ghal fuq il-progett tas-Sala tal-Kommunita`.

**9 Xogholijiet ta’ *resurfacing* bit-tarmak fi Triq is-Salib,Triq Santa Marija tal-Qala, parti minn Triq il-Papa Piju IX, Triq tac-Cawl u Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella.**

9.1 Is-Sindku semma li sar xoghol ta’ *resurfacing* bit-tarmak f’parti minn Triq il-Papa Piju IX mill-Korporazzjoni Enemalta. Huwa semma wkoll li hemm il-possibilita` li jsir xoghol ta’ *resurfacing* bit-tarmak ta’ Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella mill-Ministeru ghal Ghawdex, izda jekk isir dan il-*levelling* ta’ din it-triq ser isir mill-Kunsill. Dwar Triq tac-Cawl, il-Ministeru ghal Ghawdex hareg sejha ghall-offerta ghal xoghol ta’ *resurfacing* ta’ din it-triq u li din l-offerta nghatat lil-Kumpanija ta’ Gatt, u li x-xoghol dalwaqt ser jinghata bidu ghalih. Is-Sindku semma li ser jinghata bidu ghal xoghol ta’ *resurfacing* bit-tarmak ta’ Triq Santa Marija tal-Qala u Triq is-Salib.

**10 Skema Eko Ghawdex – Approvazzjoni ta’ l-applikazzjoni tal-progett tal-Muzew Folkloristiku; €67,690.**

10.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand id-Direttur Anthony Zammit mid-Dipartiment ghal Eko-Ghawdex u Zvilupp Regjonali fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex dwar l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill taht l-iskema ta’ l-Eko Ghawdex ghal progett ta’ Muzew Folkloristiku giet maghzula u li l-Kunsill ser jinghata €67,690 Giet trattata ittra ohra li l-Kunsill ircieva minghand Anthony Zammit dwar l-applikazzjoni l-ohra li ssottometta l-Kunsill ghat-twessieh tal-*ground* tal-*football* ezistenti fi Triq l-Imgarr li m’hiex elegibbli. Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol fuq il-Muzew Folkloristiku.

**11 Ghotja ta’ €1,800 mill-*Malta Tourism Authority*.**

11.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill nghata €1,800 mill-*Malta Tourism Authority*. Il-Kunsill iddiskuta li ghandha tittranga l-*area* fejn kien hemm il-*mobile kiosk* f’Hondoq ir-Rummien.

QALA

## 12 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja Jannar-Dicembru 2010.

12.1 Saret diskussjoni fuq il-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2010. Wara dan il-Kunsill unanimament approva dawn il-*Financial Statements*.

## 13 Approvazzjoni ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2011.

13.1 Intbghatu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) li s-Segretarja Ezekuttiva ppreparat ghas-sena finanzjarja 2011. Saret spejgazzjoni fid-dettal ta' kif gew mqassma l-flus f'dan il-*budget*. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2011.

## 14 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2011-2013.

14.1 Intbghatet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2011-2013. Saret spejgazzjoni fuq ix-xogholijiet u progetti li jistghu jsiru f'dawn it-tlett snin li gejjien. Il-Kunsill iddiskuta dan. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

## 15 Karnival 2011

15.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita tal-Karnival li kienet ta' success.

## 16 Kunsill Lokali Zghazagh Qalin.

16.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill Lokali Zghazagh Qalin qed jahdmu fuq il-progett ta' l-*exhibition hall* li l-Kunsill behsiebu jaghmel fil-kuritur li jinsab fl-entratura ta' l-ufficcju tal-Kunsill.

## 17 SEAP (*Sustainable Energy Action Plan*) – laqgha ma' l-istudenti ta' l-Iskola Primarja President Anton Buttigieg Qala 18/05/2011.

17.1 Is-Sindku semma li nhar it-18 ta' Mejju 2011 ser tigi organizzata attivita ma xi studenti ta' l-Iskola Primarja President Anton Buttigieg Qala inkonnessjoni mas-*Sustainable Energy Action Plan* bhala parti mill-*Convenant of Mayors*. Giet trattata ittra mibghuta minn Maureen Azzopardi *EU Officer* fl-Accocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar *ENESCOM Project – Convenant of Mayors* kif ukoll ittra ohra mill-*Convenant of Mayors Office* datata 4 t'April 2011.

**18 Manutenzjoni fir-*railing* tal-*5 a-side synthetic mini pitch*.**

18.1 Is-Sindku semma li l-Qala St Joseph Football Club ser jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fl-injam tal-5 *aside synthetic mini pitch* li hemm fil-*ground* tal-*football* fi Triq l-Imgarr, Qala u li huma qed jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill dwar dan. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinghataw l-ghajnuna mehtiega sabiex isir dan ix-xoghol ta' manutenzjoni.

**19 Il-gazzetta tal-Kunsill Serje C, harga numru 11**

19.1 Is-Sindku talab lill-Vici Sindku u lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messagg taghhom ghall-gazzetta tal-Kunsill Serje C, harga numru 11.

**20 Materji ohra.**

20.1 Il-Kunsillier Jesmond Borg staqsa meta ser isiru r-*road humps* fi Triq il-Wileg minhabba t-trukkijiet li jghaddu minn din it-triq. Is-Sindku semma li l-kuntrattur ma jridx jaghti t-*tarmac* lil minn ser jaghmilhom. Il-Kunsillier Jesmond Borg ssuggerixxa li jekk dawn ma jistghu jsiru ghandhom isiru il-*camera's* fi Triq il-Wileg.

20.2 Is-Sindku semma li ser isir sejha ghall-offerta ghal provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar, kiri ta' l-ingeni u tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix.

20.3 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal Jum il-Qala 2011.

20.4 Is-Sindku semma li ser isir cerimonija ta' zwieg bejn Rosemarie Marsh u Ross Clarkson nhar id-29 ta' Mejju 2011, fejn huwa ser izzewweg din il-koppja. Giet trattata ittra li giet mibghuta mill-Kunsill lir-Registru Pubbliku dwar din ic-cerimonja.

20.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-*Urban Improvement Fund* Perit Elena Borg Costanzi, fil-MEPA, fejn il-Kunsill applika taht l-iskema tal-*Urban Improvement Fund* sabiex titwahhal bandla gdida fi Gnien il-Familja.

20.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lir-Ruben Said *Manager* fit-*Transport Malta* dwar ilmenti ta' tqattieh ta' *tyres* tal-karozzi ma hadid li hemm ma bankini fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Ruben Said bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill kif ukoll kopja ta' ittra li Ruben Said bghat lil Joseph Spiteri ta' 'Villa Loretu', Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, li huwa l-persuna li ghandu l-hadid ma l-bankina tieghu. Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minn Augustus Debono prokuratur legali fejn kiteb ghan-nom tal-klijient tieghu Joseph Gauci ta' *Island View*, F2,. Triq l-Ixprunara, Ghajnsielem, dwar dan l-istess kaz.

20.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* Austin Walker tal-MEPA, datata 27 ta’ Frar 2011, dwar korrispondenza li bghat il-Kunsill dwar iz-zewg barrieri tal-blat tal-qawwi li jinsabu l-Qala.

20.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* Austin Walker tal-MEPA, dwar sigra tac-cipressa li tinsab fi Triq Grunju li qed tkun ta’ nkonvenjent ghar-residenti u s-sewwieqa.

20.9 Saru zewg applikazzjonijiet ghal bozzoz tat-triq godda, wahda fi sqaq fi Triq Cini u l-ohra fi Triq il-Mithna. Giet trattata ittra datata 5 t’April 2011 mibghuta minn Rose Portelli minn Galea Curmi Engineering dwar il-bozza ta’ Triq il-Mithna u kopja ta’ ittra li hija bghatet lil Korporazzjoni Enemalta dwar il-bozza fi Triq Cini.

20.10 Is-Sindku semma li kien sar xi incident b’karozza fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg, fejn saru diversi hsarat fosthom fi fanal tad-dawl u *bollard* tal-hadid. Saret *claim* mill-Kunsill lill-assigurazzjoni ta’ l-indivdwu li kellu l-incident u dawn accettaw li isir il-hlas tal-fanal u l-*bollard.* Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Henry Grech *Executive* minn Atlas Insurance PCC Limited datata 21 ta’ Marzu 2011 dwar dan.

20.11 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mit-22 t’ Ottubru 2010 sal-14 t’ April 2011, minn referenza numru 95/10 sa referenza numru 114/10 u minn referenza numru 01/11 sa referenza numru 41/11.

20.12 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 01/2011. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f’din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 21 Korrispondenza.

21.1 Gew trattati l-ittri, *malta standard*, applikazzjoni ghal permess ta’ zvilupp u notifika t’avviz li gejjien:

21.2 Ittra mibghuta minn Carmel Abela Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata l-ammont ta’ €6,700 dwar skema dwar progetti ta’ energija alternattiva. Il-progett tal-Kunsill ser ikun sabiex jigu installati l-*photovoltaic panels* fuq il-bejt ta’ l-ufficini tal-Kunsill.

21.3 Ittra mibghuta minn Alexia Maria Sultana mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, fejn semmiet li s-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said ser izur il-lokalita` tal-Qala nhar il-Hamis 2 ta’ Gunju 2011.

21.4 Ittra mibghuta minn Mark Mizzi mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, fejn semma li nhar it-28 t’April 2011 fi ‘Gnien il-Familja’, ser issir *press conference* dwar l-EAFRD 313 u 323.

21.5 Ittra mibghuta minn Pierre J Mejlak Kap tas-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, dwar il-programm televiziv bl-isem 'il-Hadd it-Tajjeb' li ser ikun jittratta dwar attivitajiet li jwettqu il-Kunsilli Lokali.

21.6 Ittra mibghuta minn Reno Grech *Project Leader* fil-Ministeru ghal Ghawdex, dwar *information panels* dwar *country walks*, progett ta' l-EAFRD, li wahda minnhom ser tkun fil-lokalita` tal-Qala.

21.7 Ittra mibghuta minn l-Avukat Georgine Schembri fejn permezz tal-prezenti Antoine Mercieca ta' 11, Triq Gedrin, Rabat, Ghawdex interpella lill-Kunsill sabiex fi zmien tlett ijiem jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnu konsegwenti ghal incident li huwa kellu fi Triq l-Imgarr, Qala. Giet mibghuta ittra mill-l-Avukat tal-Kunsill Joseph Grech bhala risposta fejn semma li t-triq fejn sehh l-incident hija triq arterjali u ghalhekk ma taqax taht ir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali.

21.8 Ittra mibghuta minn Ruben Said *Manager Enforcement and Operations Gozo* mit-*Transport Malta*, fejn irrefera ghall-ittra tal-Kunsill, dwar talba ghal *one way* f'parti minn Triq it-30 t'Ottubru 1948 u li t-*Traffic Management Unit* ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba.

21.9 Ittra mibghuta minn Kevin Borg Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, dwar konferenza ta' l-ECAD.

21.10 *Maltese Standard* dwar *public playgrounds* mibghut mill-*Malta Standards Authority*.

21.11 Ittra mibghuta minn Dr Joseph Bezzina *Assistant National Archivist* minn *National Archives – Gozo Section*, fejn semma li ghall-okkazzjoni ta' l-eghluq il-hamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Civiku t'Ghawdex, ser jinhareg b'tifkira sett bil-kulur ta' ghoxrin kartolina bl-armi tal-belt, tal-lokalijiet u tal-kommunitajiet kollha t'Ghawdex. Il-Kunsill iddecida li jipparticepa f'dan il-progett.

21.12 Ittra mibghuta minn Albert Salman, Director General minn EUCC, dwar *quality coast programme for sustainable tourism destinations: invitation to the destinations's Council and National Government.*

21.13 Ittra mibghuta minn Manuel Azzopardi President tal-*Malta Triathlon Association*, dwar il-*Gozo - Malta Triathlon.*

21.14 Ittra mibghuta minn Steven Vella li huwa PhD student li jrid jaghmel xi *fieldwork* fil-Qala ghal PhD tieghu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

21.15 Ittra mibghuta minn Euchar Vella *Managing Director* minn Karkanja Limited, dwar il-kontribuzzjoni li Kunsillier ta waqt programm tat-televizjoni dwar zvilupp li din il-kumpanija qed tipproponi li jsir fl-*area* tal-marga.

QALA

21.16 Applikazzjoni gdida ghal permess ta' zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bin-numru PA/05350/10 *to sanction removal of collapsed rubble walls, levelling of inert material and top soil for the planting of olive trees, and proposed re-constuction of retaining rubble walls and planting of additional olive trees*, f'ta' Muxi il-Qala. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` dwar din l-applikazzjoni.

21.17 Notifika t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00043/11, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 13 ta' Mejju 2011.

____________________ ____________________

Paul Buttigieg — Marcia Borg

Sindku — Segretarja Ezekuttiva